VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,995, 30 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 412 tal-2012

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda".

Jemenda t-Taqsima B tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima B tat-Tielet Skeda taħt it-titolu "Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf", minnufih wara l-kliem "SPA, LEFETAMINE" u l-Isem kimiku "(-)-l-dimethylamine-1, 2, diphenylethane" għandu jiżdied dan li ġej:

"tianeptine	7-[(3-Chloro-6,11-dihydro-5,5-dioxo-6-methyldibenzo[*c,f*][1,2]thiazepin-11-yl) amino] heptanoic acid".